

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 238/2014****tal-24 ta' Ottubru 2014****li temenda l-Anness XIII (Trasport) u l-Anness XIV (Kompetizzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2015/1462]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu, Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 697/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 906/2009 rigward il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu ⁽¹⁾ se jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Annessi XIII u XIV tal-Ftehim ŻEE għandhom jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-segwenti jiżdied mal-punt 10a (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 906/2009) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

“, kif emendat bi:

- **32014 R 0697**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 697/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 (ĠU L 184, 25.6.2014, p. 3).”

Artikolu 2

Is-segwenti jiżdied mal-punt 11c (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 906/2009) tal-Anness XIV tal-Ftehim ŻEE:

“, kif emendat bi:

- **32014 R 0697**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 697/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 (ĠU L 184, 25.6.2014, p. 3).”

*Artikolu 3*It-testi tar-Regolament (UE) Nru 697/2014 bil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 5*Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima dwar iż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

Kurt JÄGER

⁽¹⁾ ĠU L 184, 25.6.2014, p. 3.

(*) L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma huwa indikat.